MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Numru 188/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs.**

**CONSIGLIO BUSUTTIL**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Consiglio Busuttil ta' 50 sena mwieled il-Zejtun nhar il-17 ta' Settembru 1958 bin Emanuel u Theresa nee' Galea, residenti gewwa Consen Triq id-Dahla ta' San Tumas Zejtun detentur ta' Karta ta' l-identita Nru 623658 (M).

Billi huwa akkuzat talli nhar is-27 ta' Frar 2009 ghall-habta ta' 6.30pm gewwa Zejtun attakkat jew ghamel rezistenza

bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe PS 1386 A. Agius, PC 1203 K. Schembri, PC 233 A. Chetcuti u PC 1176 K. Zahra.filwaqt li kienu qed jagixxu ghall esekuzzjoni tal- ligi jew ta ordni moghti skond il- ligi mill-awtorita kompetenti.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Zejtun volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MAP 1 u nnutat li l-imputat m'ghanudx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 96 u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Consiglio Busuttil fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Consiglio Busuttil ghall-piena komplessiva ta' sitt (6) xhur prigunerija u tmienja u ghoxrin Euro (Euro 28) ammenda u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-

perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Consiglio Busuttil jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputat Consiglio Busuttil b’obbligazzjoni personali ta’ sitt mitt Euro (Euro 600) li jozmm il-kwiet ma’ PS 1386 A. Agius, PC 1203 K. Schembri, PC 233 A. Chetcuti u PC 1176 K. Zahra u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Consiglio Busuttil l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------